MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 218/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ryan Abdilla**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ryan Abdilla talli fil-21 ta’ Frar 2004, ghall-habta tas-7.00 p.m. fi Triq Vendome kantuniera ma’ Vjal ir-Repubblika, Gharghur saq vettura Nru. FAB-456:

(1) B’manjiera traskurata;

(2) Naqas li jieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika “stop”;

(3) B’nuqqas ta’ hsieb bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-

regolamenti nvolontajament ikkaguna offizi ta’ natura grava per durata fuq il-persuna ta’ Edward Calleja skond kif iccertifika Dr. Patrick Farrugia M.D. ta’ S.L.H.;

(4) Meta kien involut f’incident tat-traffiku, naqas li jieqaf u meta kien mehtieg naqas li jaghti l-partikularitajiet tieghu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-ligi;

(5) Saq l-istess vettura minghajr ma kien licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` Dwar it-Trasport ta’ Malta;

(6) B’hekk ma’ kienx kopert b’polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-31 ta’ Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Ryan Abdilla hati skond l-akkuza u, wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 226, 37 u 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, Sezzjoni E(a) ta’ Part 2 ta’ l-Avviz Legali 94/69 u r-regolament 67 tal-Motor Vehicles Regulations 128/94 kif emendat, ikkundannatu ghal hames xhur prigunerija sospizi ghal sena u ssospendietlu l-licenzja tas-sewqan ghal sentejn mid-data ta’ dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ipprezentat fit-12 ta’ Gunju 2006 li permezz tieghu l-imsemmi Ryan Abdilla talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet il-htija u tvarjaha kwantu ghall-piena billi tapplika piena anqas harxa;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xiehda ta’ l-appellant;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa limitat ghall-piena u fit-termini tal-gurisprudenza taghna mhuwiex normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

Qabel ma din il-Qorti tikkunsidra l-aggravju ta' l-appellant, pero`, tirreferi ghat-tieni u ghar-raba' imputazzjonijiet li huma reati ta' natura kontravvenzjonali u li ghalhekk il-perijodu preskrittiv taghhom huwa ta' tliet xhur (artikolu 688(f) tal-Kap. 9). Issa, skond l-artikolu 694 tal-Kap. 9, **"il-preskrizzjoni hija applikata mill-qorti *ex officio*"**, u hekk sejra taghmel f'dan il-kaz din il-Qorti.

L-incident in kwistjoni sehh fil-21 ta' Frar 2004. Mic-citazzjoni jirrizulta li din inharget mill-Principal Citations Office tal-Pulizija fit-3 ta' Awissu 2004, madwar hames xhur u nofs wara li sehh l-incident. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-azzjoni kriminali fir-rigward tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet hija preskritta.
Kwantu ghall-piena nflitta jinghad l-ewwelnett illi l-ewwel imputazzjoni ghandha titqies assorbita fit-tielet imputazzjoni. Il-piena ghal tali tielet imputazzjoni skond l-artikolu 226(1)(b) tal-Kap. 9 hija ta prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux izjed minn elf lira. Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 imbaghad il-piena dwar il-hames u s-sitt imputazzjonijiet hija dik skond l-artikolu 3(2)(a) tal-Kap. 104, u cioe` multa ta' mhux anqas minn elf lira izda ta' mhux izjed minn elfejn lira jew prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-prigunerija flimkien.

L-ewwel Qorti ghazlet li timponi piena ta' prigunerija ta' hames xhur (sospizi skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9). A tenur ta' l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9, persuna hatja ta' zewg delitti jew izjed, li jaqghu taht pieni li jnaqqsu ghal zmien il-liberta` personali, tigi kkundannata ghall-piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien. Fil-kaz in ezami, id-delitt l-aktar gravi huwa dak kontemplat fit-tielet imputazzjoni. Irid jitqies pero` illi f'dan il-kaz huwa applikabbli l-artikolu 37 tal-Kap. 9 li jipprovdi li "l-piena

applikabbli <u>ghar-reat</u> ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn" (sottolinear ta' din il-Qorti). Ghalhekk dwar it-tielet imputazzjoni l-appellant seta' wehel massimu ta' tliet xhur prigunerija (bi tnaqqis ta' grad wiehed biss) filwaqt li dwar il-hames u s-sitt imputazzjonijiet massimu ta' ghoxrin gurnata prigunerija (ukoll bi tnaqqis ta' grad wiehed biss). Ghalhekk, il-piena massima li seta' wheel l-appellant kienetta' tliet xhur u ghaxart ijiem. Dan ifisser li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet tisboq il-parametri tal-ligi.

Issa, l-appellant jilmenta li l-piena nflitta hija harxa wisq meta tittiehed in konsiderazzjoni l-eta` ta' l-appellant meta sehh l-incident u l-konsegwenzi legali li din iggib fil-piena. Isostni li dak li ghamel kienet avventura li aktar ghandha indoli ta' "folly" milli ta' "criminal intent". Imbaghad il-fatt li ghandu fedina penali nadifa ma jisthoqqlux sentenza ta' prigunerija, ankorke` sospiza. L-appellant jirreferi wkoll ghall-mod kif sehh l-incident fejn Edward Calleja waqa' minn fuq il-mutur qabel l-impatt mal-vettura misjuqa mill-appellant, u kif huwa telaq minn fuq il-post minhabba biza' mill-Pulizija u minn missieru. Jirreferi ghall-fatt li hallas il-kumpens kollu lill-vittma li ddikjara li kwantu sta ghalih ma ried xejn izjed minghand l-appellant. Kwantu ghas-sospensjoni tal-licenzja mbaghad jghid illi din ghandha tkun anqas stante li si tratta ta' sewqan traskurat, u li peress illi x-xoghol tieghu jinvolvi s-sewqan ta' karrozza l-ordni ta' sospensjoni ikun ifisser li jitkecca mix-xoghol

Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti esprimiet it-thassib taghha kemm dwar il-fatt li l-appellant kien lest jissogra lilu nnifsu, lil habib tieghu wkoll taht l-eta` u lil sewwieqa ohra fit-triq meta ddecieda li jsuq minghajr licenzja u minghajr kopertura assikurattiva, kif ukoll dwar il-fatt li l-appellant ma gharafx jeghleb il-paniku tieghu meta qabad u harab minn fuq ix-xena ta' l-incident. Izda qalet ukoll li kienet tifhem illi l-appellant "huwa taht l-eta`, illi c-cirkostanzi kollha ta' dan u l-inesperjenza mhux biss tas-sewqan izda l-inesperjenza tal-hajja, il-biza' kbir tal-korla tal-genituri, ikkontribwew sabiex l-imputat jasal biex jaghmel dak illi jaghmel [*recte:* ghamel]".

Minn ezami li ghamlet din il-Qorti tal-provi, m’ghandha l-ebda dubju li dawn huma l-konsiderazzjonijiet principali li setghet taghmel l-ewwel Qorti. Din il-Qorti fil-fatt hi preokkupata dwar kemm zghazagh huma injari mill-konsegwenzi serji li jistghu jinholqu meta jsuqu minghajr licenzja u, aktar u aktar, meta jikkagunaw incidenti – bhal dak odjern – b’rizultat ta’ l-inesperjenza taghhom. Fortunatament f’dan il-kaz seta’ jsir, u fil-fatt sar rizarciment lill-vittma ghall-hsara fil-mutur tieghu. Barra minn hekk mill-fedina penali aggornata ta’ l-appellant jirrizulta illi din baqghet netta. Ic-cirkostanzi pero` xorta jindikaw li dan huwa kaz fejn l-appellant jimmerita sentenza ta’ prigunerija, u b’mod partikolari peress illi harab minn fuq il-post minflok ma waqaf sabiex jara jistax jaghti ghajnuna lis-sewwieq tal-mutur.

Kwantu ghas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan, din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-parti tal-piena nflitta. Jirrizulta, mix-xiehda ta’ l-appellant moghtija quddiem din il-Qorti, illi minn mindu sehh l-incident in kwistjoni huwa akkwista l-licenzja tas-sewqan, qieghed jahdem bhala *deliveryman* u ghandu xoghol iehor bhala *part time self-employed* jigbor l-iskart ta’ l-aluminium biex jitnaddaf u jigi esportat lejn l-Italja. Dan kollu naturalment ifisser il-htiega ta’ licenzja tas-sewqan. Din il-Qorti ma tixtieqx illi l-appellant, illi ghadu qieghed jibda l-hajja lavorattiva tieghu, ikun mill-ewwel priv mill-mezz tal-hidma tieghu, jigifieri l-licenzja tas-sewqan. F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, u stante li, kif diga’ nghad, sar ir-rizarciment lill-vittma u l-fedina penali ta’ l-appellant baqghet netta, din il-Qorti jidhrilha li huwa l-kaz illi tapplika s-subartikolu (2A) ta’ l-artikolu 3 tal-Kap. 104 u tnehhi ghal kollox l-iskwalifika li mponietlu l-ewwel Qorti mil-licenzja tas-sewqan u b’zieda mal-piena ta’ prigunerija sospiza, sejra taghmel ordni ta’ supervizjoni sabiex din il-Qorti tkun assigurata li l-appellant jibqa’ fit-triq it-tajba u tinkludi kondizzjoni fl-istess ordni illi huwa jippartecipa f’*training course* dwar il-*First Aid* mas-St. John’s Ambulance Brigade.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet u minflok tiddikjara li l-azzjoni fir-rigward ta' l-imsemmijin tieni u r-raba' imputazzjonijiet tinsab preskritta u ghalhekk tilliberah minn tali imputazzjonijiet, tikkonfermaha in kwantu sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra b'dan illi l-ewwel imputazzjoni tinsab assorbita fit-tielet u bejn il-hames u s-sitt imputazzjonijiet huwa applikabbli l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, u tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal hames xhur sospizi ghal sena u ghas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghal zmien sentejn u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal tliet xhur u ghaxart ijiem u, a tenur ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tordna li din is-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' sena millum l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Inoltre, a tenur ta' l-artikolu 28G tal-Kap. 9, taghmel ordni ta' supervizjoni u tqieghed lill-appellant taht is-supervizjoni ta' ufficjal sorveljanti ghall-perijodu operattiv kollu u taht il-kondizzjonijiet indikati fl-ordni hawn anness. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------